FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)

SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 5 TA' FRAR 2001

PULIZIJA
SUPT. PAUL DEBATTISTA
VS
SAVIOUR SIVE SALVU SEYCHELL
RAYMOND BORG
ALFRED SIVE ALFIE GALEA NAUDI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Saviour sive Salvu Seychell, ta' 35 sena, bin Baldasere u Pauline nne Swain, imwieled Valletta fit-13 ta' Gunju 1960 u joqghod 14, Block 4, West Street, Valleta Nru tal-ID 907960M;
Raymond Borg ta' 26 sena, bin Joseph u Saverina nee Zammit, imwieled Pieta fil-13 ta' Mejju 1969 u joqghod 64, West Steet, Valleta Nru tal-ID 430769M u;
Alfred Galea sive Alfie Galea Naudi ta' 47 sena, bin Henry u Rosaria sive Lucy Zammit, imwieled Slieam fl-24 ta' April 1948 u joqghod 44, The Strand Sliema Nru tal-ID403748M;
Talli fil-Belt Valletta u f'dawn il-gzejjer fid-29 ta' Marzu 1993 u matul dawn l-ahhar xahrejn qabel id-29 ta' Marzu 1993 b'diversi atti maghmulin fi zminijiet

differenti, li kienu jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u li kienu maghmula b'risoluzzjoni wahda;

Kellhom fil-pussess taghhom d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar Medicini Perikoluzi kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kenux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 taqsima tal-Ordinanza u meta ma kenux bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew li jfornu d-droga msemmija u ma kenux b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-President ta' Malta li jkellhom d-droga fil-pussess taghhom u naqsu li jipprovaw li d-droga msemmija giet fornuta lilhom ghall-uzu taghhom skond ir-ricetta kif provdu fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tal-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 Dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement ammendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fornew jew ipprokuraw jew offrew li jfornu jew li jipprokuraw d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-xi persuna jew persuni minghajr ma kellhom licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kienu awtorizzati bir-regoli tal-1939 ghal kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li jfornu d-droga u minghajr ma kienu fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellhom licenzja jew xort'ohra awtorizzazzjoni li jimmanifatturaw jew li jfornu d-droga msemmija u minghajr ma kellhom licenzja li jipprokuraw l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939 Dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN292/1939) kif sussegwentement ammendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Assocjaw ruhhom flimkien u ma xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-gzejjer jew barra minn dawn il-gzejjer sabiex ibeighu jew jittrafikaw Medicini Perikoluzi (eroina) f'dawn il-gzejjer kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi kap 101, kew ikkostitwew, organizzaw, jew iffinanzjaw assocjazzjoni bi ksur tal-Artikolu 22(1) (iii)(f) tal-kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Hajru jew geghlu persuna jew persuni ohra sabiex jaghmlu reat jew reati kontra l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi kap 101 bi ksur tal-Artikolu 22(5) tal-kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Lil Raymond Borg talli sar ricediv billi kien instab hati ta' reat b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tas-17 ta' Jannar 1992.

Lil Alfred sive Alfie Galea Naudi talli kiser il-kondizzjonijiet moghtija lilu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tas-17 ta' Lulju 1990 li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett snin.

Talli sar ricediv billi kien instab hati ta' reat b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-17 ta' Lulju 1990.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokument esebiti l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-ordnijiet tal-Avukat Generalisabiex l-imputati jitressqu u jigu processati quddiem din il-Qorti bhala wahda ta' Gudikatura Kriminali fuq l-akkuzi migjuba kontra taghhom  a bazi tal-kap 101.

Rat l-artikoli elenkati mill-Avukat Generali that liema artikoli din il-Qorti tista ssib il-htija fl-imputat Alfred Galea Naudi

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-prosekuzzjoni jirrizulta illi f'Marzu 1993 l-pulizija kienu ircevew informazzjoni li go Strada Stretta il-Belt kien qed jsir traffikar ta' droga (ara xhieda a fol 359).

Illi din l-informazzjoni kienet fis-sens illi kien qed jigu osservati nies maghrufa bhala drug users li kienu jiltaqghu ma persuni ohra sospettati li jittraffikaw d-droga fosthom l-imputati Seychell, Borg u Galea Naudi. Din l-attivita kienet qed ssir vicin ta' kerrejja fi Strait Street.

Illi ghalhekk gi deciz illi dan il-post jitqieghed taht sorveljanza – anki permezz ta' video tapes u ritratti mill-membri tal-Iskwadra ta' Kontra d-Drogi. Spettur Debattista xehed (fol 361) illi minn dan l-esercizzju ta' sorveljanza l-pulizija stabbilew illi l-imputati fost ohrajn kienu qed jittraffikaw d-drogi.

Ghalhekk fil-30 ta' Marzu tal-istess sena sar "raid", tqieghed taht sorveljanza l-area ta' Strait Street koncernata waqt li l-approach roads tqieghdu that il-kontroll tal-vice Squad u ta' membri ohra tal-Korp tal-Pulizija.

Illi f'dan ir-raid gew osservati il-persuni li avvicinaw l-area koncernata, jigu f'kuntatti mal-imputati li kienu jbieghu d-drogi. Borg u Galea Naudi gew arrestati min fuq il-post.

Saret tfittxija f'area u irrizulta illi go toqba fil-hajt li fl-imghoddi kienet tintuza ghal telefon tal-pulizija, instabu diversi qratas tal-eroina.

Din hija l-istess toqba fil-hajt li l-imputat Borg gie osservat fil-Video jgib xi affarijiet kien hemm. In segwitu saret inkjesta magisterjali.

L-imputat Galea Naudi gie arrestat fil-karozza tieghu N0881 Fiat Uno li hija l-istess karozza li l-imputat Seychell ghamel uzu minnha f'diversi okkazzjonijiet. Fuq il-persuna tal-imputat Seychell instab Lm16 u 400 000 liri taljani. L-istqarrija ta' Galea Naudi giet esebita (Dok PD2 a fol 369) u ghazel li ma jirrispondi ghall-ebda domanda.

L-imputat Seychell rrilaxxa stqarrija mhix iffirmata fejn ma wiegeb ghal ebda domanda (ara Dok PD3 a fol 370). L-istqarrija ta' Borg (Dok PD4 a fol 371) l-anqas ma giet ffirmata minnu.

PS951 Joseph Tonna (fol 373-378) xhed illi huwa flimkien ma membri ohra tal-pulizija kienu accedew ghal Strada Stetta fejn kien sab lil James Chircop u fuq il-persuna tieghu il-pulizija sabu qartas, sab lil Alfie Galea Naudi l-imputat, lil George Frendo, lill-imputat Raymond Borg u Emanuel Montanaro.

Saret tfittxija fuqhom u gew arrestati. PS951 Tonna xhed (fol 374) illi huwa imbaghad esegwixxa tfittxija fil-presenza ta' Brenda Mallia fil-kerreja fejn sab fil-meter tad-dawl mqieghed wara il-bieb ta' barra, kwantita ta' haxixa. Fil-kamra fl-istess kerreja kien sab ukoll kwantita ta' fided mahruqin – uzati.

Fil-kantuniera ta' Strada Stretta f'kaxxa fil-hajt li kienet tintuza ghal telefon ghall-pulizija, instab kwantita ta' qratas b'xi sustanza go fiha.

PC1491 Gino Demanuele kien wiehed mill-ufficjali inkarigati mis-sorveljanza tal-kerrejja f'Strada Stretta u esebixxa n-notamenti tieghu (Dok GD a fol 379-386). Kkonferma illi membri tal-Korp kienu hadu ritratti u anki video film tas-sorveljanzi li wettqu.

Illi mix-xhieda ta' Manuel Montanaro li xhed (ara fol 387-398) illi huwa kien jitraffika d-droga stante li kien dipendenti fuq l-eroina u kellu jaghmel dan biex

jzommu fil-vizzju gholi tieghu. Xhed illi l-imputat Seychell gieli kien kkonsenjalu d-droga (fol 394) u li hu (Montanaro) kien imbaghad jiehu hu minnha u l-kumplament jqassamha fi qratas halli jbieghha. Xehed a fol 395 illi Seychell kien jtieh bejn 6 u 10 pakketti u kien jzomm wiehed ghalih u jbiegh l-kumplament u jaghti l-flus lil Seychell.

Xhed illi lil Galea Naudi qatt ma rah jbiegh d-droga, izda xehed illi ghalkemm lil l-imputat Borg gieli kien jarah hemmhekk pero personalment qatt ma rah jbiegh d-droga.

Robert Formosa (fol 399-105) xhed illi huwa kien dipendenti fuq id-droga u kien kostrett jbieghha biex jibqa jissupplixxi il-vizzju tieghu. Xhed illi huwa kien jmur fi Strada Stretta biex jixtri d-droga eroina minghand Salvu Seychell (fol 401). L-istess xhud gharaf lill-imputat Seychell bhala il-persuna minghand min kien jixtri d-droga. Formosa xhed li kien jixtri minghandu regolarment u kien jhallas Lm10 ghall-pakkett. Xhed wkoll illi gieli xtara l-eroina minghand l-imputat Raymond Borg fi Strada Stretta l-isfel u li kien ilu jaghmel dan b'regolarita' ta' tlett/erbgha darbiet fil-gimgha ghal perjodu ta' sena qabel Marzu 1993 (fol 404).

Formosa xehed pero illi minghand Alfred Galea Naudi qatt ma xtara droga.

Joseph Mallia a fol 406 sa 410 xehed illi huwa kien jixtri d-droga eroina minghand l-imputat Salvu Seychell (ara fol 408) li gie identifikat. Xehed li qatt ma xtara droga minghad l-imputat Raymond Borg waqt li l-anqas biss kien jaf lil Alfred Galea Naudi.

Ex PS1257 Publius Ellul xehed illi huwa kellu struzzjonijiet illi jsegwi u jarresta zewg persuni f' Strada Reali u cioe lil Kenneth Cassar u Brendon Carabott, fejn dan tal-ahhar, meta ra il-pulizija kien waddab pakkett kontenenti trab, mal-art. Ex PS1257 kellu wkoll struzzjonijiet illi jarresta lill-imputat Salvu Seychell, saret

tfittxija fuqu u wara giet esegwita tfittxija fid-dar tieghu. PS1257 kkonferma li l-istqarriji tal-imputat gew mehuda fil-presenza tieghu.

Reuben Mifsud (fol 421-427) kkonferma li huwa kien parti mit-team li esegwixxa s-sorveljanza ta' Strada Stretta in konnessjoni ma drogi. Illi Mifsud kkonferma il-video tapes u ritratti li gew mehuda bhala parti min dan l-esercizzju – apparti li kienu qed jiehdu notamenti. Kkonferma li l-imputat Borg kien gie osservat jiehu affarijiet min kaxxa fil-hajt u jihhendilja lil certu nies.

Xehed illi fil-gurnata li saret r-raid hu kien waqqaf u ddetiena lill-imputat Borg. Kkonferma r-ritratti li ha hu.

PC10 Trevor Cassar xehed illi huwa kien involut fir-raid tad-29 ta' Marzu 1993. Kien ingombra il-bieb tal-kerrejja fi Strada Stretta u sussegwentement kien eleva l-hwejjeg ta' Montanaro, George Frendo u Alan Satariano.

PS1198 Norbert Ciappara (fol 431-433) kellu struzzjonijiet biex jowghod l-ghassa il-Belt biex jircievi struzzjonijiet ulterjuri dwar r-rajd li kellu jsir fi Strada Stretta fid-29 ta' Marzu 1993. Illi fuq dawn l-istruzzjonijiet ulterjuri huwa kellu jiddettieni lil Sandro Ciantar maghruf bhala "Rambo" u issir trittxija fuq il-persuna tieghu. Il-pulizija sabu qratas li ssuspettaw li jikkontienu d-droga fuq il-persuna ta' l-istess Sandro Ciantar.

Scene of Crime Officer Portelli esebixxa l-oggetti msemmija f'pagni 434-437 liema oggetti kienu gew esebiti fil-kawza "Pulizija vs George Frendo et u Pulizija vs Abel Resaq Hasan Bekbak".

Illi mix-xhieda ta' Abdel Resaq Hasan Bek Bak xhed (fol 444-448) illi hu kien gie arrestat mill-pulizija ghal habta ta' Marzu 1993 in konnessjoni na' drogi. Xehed illi huwa kien dipendenti fuq id-drogi u kien jmur Strada Stretta biex jixtri d-droga. Pero ma gharaf ebda wiehed mill-imputati.

Brandon Carabott (fol 449-460) xehed illi huwa kien gie arrestat mill-pulizija fuq pussess ta' eroina u haxixa pero dan ma gharaf lil hadd.

PC579 Anton Micallef xehed illi huwa kien wiehed mill-membri tal-Korp li kien ha sehem attiv fl-esercizzju ta' sorveljanza. Xehed li l-osservazzjonijiet datati 22 ta' Marzu 1993 f'Dok PC1 kien tieghu flimkien ma ritratti (fol 74 tal-process kriminali D1). Kkonferma n-notamenti tieghu a fol 74 tal-process Kriminali esebiti dok D1.

Brandon Carabott – fol 466 – ma gharaf lil hadd mill-imputati – a fol 475 pero Carabott xhed illi jiftakar illi meta kellem lill-pulizija kien tahom deskrizzjoni tar-ragel li kien biegh id-droga lil siehbu u izda li dan il-persuna gie jidher fuq il-video muri lilu mill-pulizija.

Hawnhekk indika lill-imputat Alfred Galea Naudi pero jghid li mhux cert 100%.

Alan Satariano xehed illi huwa fin-1993 kien jinzel Strada Stretta jiltaqa ma xi hbieb. Xehed (a fol 478-482) u xehed illi dawk iz-zminijiet huwa ma kienx jiehu drogi u li minghand l-imputati ma xtarax drogi.

PS1464 Michael Portelli (fol 503-505) xehed illi kien wiehed mill-ufficjali tal-pulizija li arrestaw u wettqu tfixxijijiet fuq Sandro Ciantar u sabulu sachet bi trab kannella suspettata eroina.

PS1407 Frank Portelli (fol 506-510) xehed li hu wkoll kien involut fl-arrest ta' Sandro Ciantar kif wkoll fir-raid fi Strada Stretta fejn sabu 4 pilloli fuq il-persuna ta' Raymond Borg u xi qratas fil-kaxxa tat-telefon fil-hajt , xi silver foil u kuccarina. Dawn l-oggetti kollha gew elevati mis-Scene of Crime Officers.

PC1440 Vince Apap xehed li huwa kien involut fir-raid fi Strada Stretta u li kien wettaq tfittxija fuq il-persuna ta' Alfred Galea Naudi b'risultat negattiv.

PC1052 Paul Scerri (fol 514-517) kkonferma n-notamenti (Dok GD1 fol 379) li kien ghamel waqt is-sorveljanza tal-kerrejja fi Strada Stretta. Xehed li kienu qed jigbdu bil-video u jiehdu r-ritratti li t-tnejn gew kkonfermati minnu.

PC853 Frank Sciberras xehed li gie mghoddi qartas li kien instab fuq Brandon Carabott. PC853 kkonferma l-istqarriji Dok PD3 u 4 a fol 371 u 372.

PC657 Mario Micallef (fol 521-525) xehed illi huwa kien gie moghti struzzjonijiet sabiex jarresta lil Brandon Carabott u Kenneth  Cassar u li wara li dan gie esegwit inghata struzzjonijiet biex jarresta lil Salvu Seychell u wara li saret tfittxija fuq il-persuna tieghu ttiehed fi Strait Street bil-karozza tieghu. Fit-tfittxija fil-kerrejja sabu kaxxa ta' sulfarini li kien fija zerriegha.

PC767 Ismael Vassallo ha sehem fl-arrest ta' Kenneth Cassar u Brandon Carabott u  ghamel tfittxija fi Strait Strett fejn instabu kuccarina, pocket knife u 11 il-qartas eroina f'toqba fil-hajt. Ma irnexxielux jaghraf lil Raymond Borg.

Brenda Mallia (fol 532-540) xhedet illi l-imputat Seychell kien missier it-tifla taghha. Brenda Mallia xehdet illi Salvu Seychell kien jkun ghandha u cioe fi 66/3 Strait Street, Valletta minhabba it-tifla.

Mallia kienet ilha tabit fil-post bejn tlieta u erbgha snin. Mallia xehdet illi kienet rat lill-imputati Borg u Galea Naudi fi Strada Stretta meta giet arrestata mill-pulizija. Tichad li qatt rat lil Salvu Seychell jbiegh xi drogi.

Jesmond Bugeja (fol 541-549) xehed li huwa jaf lil Rayond Borg u Salvu Seychell ghax mill-Belt. Nnega li qatt xtara xi drogi minghand Seychell jew Borg.

George Frendo (fol 550-561) xehed li kien jmur Strait Street sabiex jixtri d-droga xi darbtejn jew tlett darbiet fil-gimgha. Xehed li kien jidhol fil-kerrejja mudlama. Ma setghax jiddentifika ebda wiehed mill-imputati bhala il-persuna minghand min xtrara id-droga.

Kenneth Cassar (fol 566-585) xehed illi huwa kien nizel il-Belt sabiex jixtri l-eroina u kellu mieghu lil Carabott – mar fil-kerrejja – fil-intrata – sab ragel, tah il-flus u qallu x'ried.

Meta telqu min hemm ta' il-pakkett lil siehbu u fil-pront gie cirkondat mic-CID u siehbu pprova jwaddab il-qartas mal-art pero il-pulizija indunaw.

Cassar kkonferma l-istqarrija tieghu fejn ta' deskrizzjoni tal-persuna li qdietu – "twil, irqiq u bi ftit daqna". Dan tah pakkett eroina min borza tal-karti li kienet f'idu.

Kenneth Cassar xehed a fol 574 illi huwa kien ilu jixtri l-eroina min Strada Stretta ghal erba xhur qabel ma gie arrestat.

Mistoqsi jekk il-persuna li kien gharaf fuq il-video kienx il-persuna li beghetlu d-droga Cassar xehed "Jista jkun hu u jista ma jkunx hu." (a fol 575.

A fol 576 b'refenreza ghal istess bniedem Cassar xehed:
"Le ma bieghlix. Gieli dhalt mieghu iva fuq il-post imma ma kienx ibieghli id-droga hu.".

Sikkome fil-fehma tal-Qorti dan ix-xhud beda jipprevarika fix-xhieda tieghu il-Qorti ordnat l-arrest tieghu.

Sandro Ciantar (fol 586-591) xehed illi kien gie arrestat u mehud d-depot tal-Pulizija stante li gie misjub pakkett ta' eroina fuq il-persuna tieghu.

Xehed li hu kien jintefa jitkellem ma hbieb fix-xifer ta' isfel ta' Strada Stretta hdejn il-Pjazza tal-Mainguard. Xhed illi lill-imputati jafhom minn wicchom u jafhom bil-laqmijiet u li ma xtarax droga min ghandhom. Lil wiehed mill-imputati Ciantar xhed illi qatt ma rah (fol 590).

Fit-tieni xhieda tieghu Kenneth Cassar indika lil Saviour Seychell bhala il-persuna li gharaf fil-video. Aktar tard meta gie muri il-video Cassar xhed illi il-persuna illi dahlet mieghu fil-kerrejja (fuq il-video) ma kienx ebda wiehed mill-imputati (fol 602).

Sandro Ciantar fit-tieni xhieda tieghu xhed illi waqt li kien veru illi huwa kien kellem lil Salvu Seychell ma xtarax drogi min ghandu (fol 604). Mistoqsi diversi drabi jekk xtarax drogi min Strada Stretta Ciantar baqa jsostni li ma jiftakarx.

Gharaf wkoll lil Raymond Borg maghruf bhala il-Borza. Ciantar baqa jsostni li ma jiftakarx jekk xtarax droga minn Strada Stretta.

Dr Abela Medici (a fol 654 - 662) esebixxa r-relazzjoni teighu li ma kienx hemm mechanical fill vejn il-karti u foil wzati fil-qratas tal-eroina.

Fix-xhieda tieghu l-imputat Saviour Seychell sostna illi huwa jghix ma Brenda Mallia u kellu tarbija minnha – tifla ta' 10 snin.

Xehed illi huwa kien gie arestat fejn il-Palazz il-Belt waqt li kien fil-karozza – saret tfittxija fuqu fuq il-karozza u fid-dar ta' ommu "fejn kont noqghod jiena (fol 715) – u wara ttehid d-depot."

Mistoqsi x'ghandu xi jghid rigward ix-xhieda li qalu li kien xtraw d-droga minghandu, l-imputat Seychell xhed illi dawn kienu invenzjonijiet taghhom ghaliex l-anqas biss jafhom dawk in-nies.

Xhed illi huwa kien jkun ta' spiss Strada Stretta minhabba li kien jmur jara lit-tifla tieghu kwazi kuljum (fol 719). Seychell afferma li hu qatt ma biegh drogi. Xehed illi huwa kien jaf lil Montanaro ghax mill-Belt u ma setghax jispjega ghaliex ix-xhieda kienu qed jigdbu fuqu ( fol 721).

Raymond Borg xehed li qabel Marzu 1993 kien jghix 64, West Street, Valletta. Xehed illi huwa kien ta' spiss jkun Strada Stretta ghaliex mill-Belt. Xehed li ma jahdimx stante li kellu incident bil-mutur. Xhed illi lill-imputat Seychell u lil George Frendo jafhom ghax mill-Belt. Xehed illi huwa kien sar drug addict in segwitu tal-accident u beda jixtri d-droga minghand Manuel Montanaro fi Strada Stretta. Xehed illi illum il-gurnata huwa m'ghadux dipendenti fuq id-droga, acetta l-konsegwenzi tal-accident tieghu u ghandu impjieg fiss mal-SGS bhala Machine Operator.

Xehed illi l-kawzi l-ohra li kellu dejjem ammettihom, u din ma ammettihiex ghaliex ma kienx qieghed jittraffika d-droga.

Alfred Galea Naudi (fol 741 et seq) xehed illi kien sar jaf lil Seychell l-Ingilterra u il-Borza (Raymond Borg) kien jafu il-Belt fi Strada Stretta. Xehed illi huwa kien jahdem il-General Hotel u fil-break kien jmur Strada Stretta, it-Tico Bar. Cahad li qatt ttraffika droga fi Strada Stretta.

B'referenza ghal presenza tieghu fil-video esebit mill-prosekuzzjoni, Galea Naudi xehed illi kien gie xi hadd jistaqsi ghal Seychell u hu kien urih fejn u dahal mieghu fil-kerrejja. Baqa jsostni illi huwa ma traffika ebda droga u li hu kien jkun Stada Stretta ghax kien jintefa t-Tico Bar jara lin-nies jilaghbu l-karti.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-prosekuzzjoni jirrizulta ampjament pprovat il-kaz kontra Salvu Seychell ghajr ghal raba akkuza li ma gietx sostanzjata. Dan qieghed jinghad il-ghaliex kien hemm diversi xhieda fosthom :

Manoel Montanaro  (ara xhieda fol 387-398)

Robert Formosa  (ara xhieda fol 399-105)

Joseph Mallia (ara xhieda 406-410)

li affermaw li xtraw d-droga minghand l-imputat. Din ix-xhieda saret b'mod preciz b' mod skiet u l-imputat gie sodisfacentement identifikat. Din ix-xhieda principali imbaghad hija abbinata max-xhieda ta' d-diversi membri tal-pulizija li hadu sehem fis-sorveljanza ta' Strada Stretta u il-kerrejja involuta tul perjodu sostanzjali bin-notamenti taghhom, il-video film li jimplika b'mod car lill-imputat Seychell u r-ritratti esebiti. (ara xhieda ta':

PS951 Joseph Tonna (a fol 373-378)

PC1491 Gino Demauele (379-386-Dok GD)

Ex PS1257 Publius Ellul

Rueben Mifsud (fol 421-427)

PC10 Trevor Cassar

PS1198 Norbert Ciappara (Fol 431-433)

PC579 Anton Micallef u n-notamenti (a fol 74 ta' Dok D1)

PS1464 Michael Portelli (a fol 503-505)

PS1407 Frank Portelli (fol 506-510)

PC1440 Vince Apap

PC1052 Paul Scerri (fol 514-517 u n-notamenti tieghu f'Dok GD1 a fol 379)

Illi il-kaz ghal prosekuzzjoni jinstab ipprovat anki jekk wiehed jiskarta x-xhieda ambivalenti ta' Kenneth Cassar, Brendon Carabott u Sandro Ciantar – liema

ambivalenza din il-Qorti tifhem hija konsegwenza tal-biza kbira li kellhom dawn ix-xhieda li jghidu il-verita'.

Illi l-iskuza debboli tal-imputat Seychell li dawn in-nies kollha qeghdin jigdbu fuqu avolja l-anqas biss jafu, ma ssib ebda widen minn din il-Qorti.

Illi ghar-rigward ta' Raymond Borg ix-xhieda ta' Formosa hija wahda preciza u ta' piz konsiderevoli – u din il-Qorti wara li apprezzat il-maniera li biha ddepona Formosa ma tarax raguni ghaliex ghandha anki b'mod remot, tiskartha.

Inoltre l-filmat tal-video jikkomprometti b'mod car lill-imputat Borg.

L-imputat Borg min-naha tieghu jinnega dan il-fatt u jargumenta li f'kazijiet ohra ammetta l-akkuzi.

Bir-rispett din il-Qorti ghalkemm taghder lill-imputat fl-isfortuni li kellu b'incident tal-mutur li hallietu menomat fizikament, ma ssib ebda kredibilita fl-imputat.

Illi pero anki fil-konfront ta' Raymond Borg il-Qorti ma tarax li l-prosekuzjoni pprovat ir-raba akkuza,

Illi fil-konfront ta' Alfred Galea Naudi il-Qorti ma hiex tal-fehma li l-prosekuzzjoni pprovat r-reati dedotti kontra tieghu bla dubbju dettat mir-raguni. Dan qieghed jinghand ghaliex ebda xhud li ddepona quddiem il-Qorti ma afferma li xtrara drogi minghandu, ebda identifikazzjoni tieghu ma saret; il-filmat ma juri ebda involviment attiv tieghu u ghajr notament zghir tax-xhud tal-pulizija – fejn pero ma sar ebda skambju ta' droga.

Anki hawn din wahedha ma tistghax tissarraf f'konferma ta' htija tal-imputat.

Illi ghal dawn il-motivi il-Qorti ssib lill-imputat Seychell u Borg hatja skond l-akkuza ghajr ghar-raba akkuza u wara li rat d-deposizzjonijiet 4 u 6 tal-Ordinanza Dwar Medicini Perikoluzi kap 101, Regolament 4 u 8 tar-Regoli ta' 1939 Dwar il-Kontroll Intern ta' Drogi Perikoluzi, GN292/1939 kif emendat b'kap 101, Art 22(1)(f) kap 101; Art 49, 50 kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tikkundannahom ghal 3 snin prigunerija li minnhom ghandhom jitnaqqsu z-zmien li qattghu f'arrest preventiv.

Fil-konfront ta' Galea Naudi il-Qorti ssib lill-imputat mhux hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu u tilliberah.

MAGISTRAT

MARICA CARAUNA
DEP. REG.